

## *Sebgħin anniversarju tal-għotja tal-George Cross lil Malta*

# Inċident relatat maċ-ċerimonja tal-*George Cross* fil-Mellieħa

**kitba ta' Charles Debono**

Sebgħin sena ilu, eżattament fil-15 ta' April 1942, Malta ngħatat il-*George Cross* mir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra għal qlubija li wriet u kienet għadha turi kontra l-attakki qliel tal-Assi, jiġifieri t-Taljani u l-Ġermaniżi. L-ewwel attakk fuq Malta sar fil-11 ta' Gunju 1940 u minn dik il-ġurnata 'il quddiem Malta sabet ruħha fuq il-front tal-gwerra. Bl-intervent tal-Ġermaniżi fil-Mediterran l-attakki mhux talli żdiedu talli saru ħafna iktar qliel.

Is-sena 1942 kienet l-agħar tal-gwerra għal Malta fejn numru sostanzzjali ta' Maltin tilfu ħajjithom filwaqt ħafna bini safa mġarraf. L-agħar xahar tal-gwerra għal Malta kien April, li baqa' magħruf il-Blitz ta' April 1942. Matul dan ix-xahar kienu twaddbu 6,727 tunnellata ta' bombi, filwaqt li 339 nies ċivili u 208 nies tas-servizz tilfu ħajjithom.[1] Dan kien ix-xahar fejn il-*Luftwaffe*, il-Qawwa tal-Ajru Ġermaniża kienet determinata li tinnewtralizza lil Malta bħala preludju għall-invażjoni, li fortunatament qatt ma seħħet.

Kien għalhekk li r-Re Ġorġ VI tal-Gran Brittanja kien ta l-*George Cross* lil Malta, biex jonora lil din il-gżira għas-sehem qalbieni tal-gwarniġġjun u l-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer fil-gwerra kontra l-Assi. Għalkemm il-*George Cross* ingħata fil-15 ta' April 1942, iċ-ċerimonja saret fit-13 ta' Settembru tal-istess sena. Dan minħabba li kif għedna qabel matul ix-xahar ta' April kienu għadhom għaddejjin attakki qliel. Wara li saret iċ-ċerimonja fi Pjazza San Ġorġ, quddiem il-Palazz tal-Gvernatur, li fiha ħadet sehem ukoll il-banda tal-Ewwel Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*, li kien stazzjonat fil-Mellieħa, saru ċerimonji simili f'kull belt u raħal tal-gzejjer Maltin.

Iċ-ċerimonja tal-għotja tal-*George Cross* fil-pjazza tal-Mellieħa saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 1942. Magħha hemm marbut inċident kurjuż li jixhed il-mod kif kienu jaħsbuha l-Melleħin u l-awtoritajiet f'dawk il-ġranet koroh tal-gwerra. Matul iċ-ċerimonja li saret fil-Mellieħa ġie rrappurtat li raġel ta' 28 sena li kien joqgħod fi Triq il-Parroċċa, li miegħu kellu lil oħtu ta' 8 snin, fejn waqt li kienu jsegwu ċ-ċerimonja simbolika, ġie nnutat li t-tifla kellha bandiera Taljana f'idejha. Skont l-istħarrig li sar jidher li mat-tifla kien hemm ukoll tifel li jiġi t-tifel ta' ħuha. Meta r-raġel ra l-bandiera ħadielha minn idha minnufih. Jidher li l-bandiera kienet inxtrat mit-tifel xi ġranet qabel mingħand raġel ta' 62 sena li kellu ħanut fil-pjazza tal-parrocca, fejn dan kellu għal bejgħ diversi bnadar ta' pajjiżi differenti. Kien anki magħruf is-simpatiji li kellhom iż-żewġ irġiel. Ir-raġel tal-ħanut kien magħruf li kellu simpatija pro-Taljana, filwaqt li r-raġel l-ieħor kien pro-Ingliż.[2]



THE GEORGE CROSS AT MELLIEHA

By A.G.

L-artiklu li deher fuq it-*Times of Malta*, tal-Ġimgħa 2 ta' Ottubru 1942, fejn jitkellem fuq iċ-ċerimonja tal-għotja tal-George Cross, li saret fil-Mellieħa nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 1942.

Dan l-inċident juri kif għalkemm Malta għaddiet minn dik it-tbatija kollha xorta kont għadek issib nies li kienu favur l-għadu. Din hija sitwazzjoni fejn dak li jkun ried joqgħod attent kif jitkellem minħabba li faċilment seta' jiġi inkriminat li kien favur l-għadu. Dan l-inċident juri wkoll li l-awtoritajiet kienu attenti għal xi possibiltà ta' infiltrazzjoni mill-għadu. Ma rridux ninsew li dan l-inċident seħħ erba' xhur wara l-episodju ta' Carmelo Borg Pisani, li kien ġie minn Sqallija biex jispjuna għat-Taljani, għax kien jemmen li Malta hija parti mill-Italja. Hu kien inqabad mal-ewwel u wara li għadda ġuri nstab ħati ta' tradiment u ġie mgħallaq f'Novembru 1942.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Forti Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi**:

[1] Philip Vella, *Malta: Blitzed but not beaten*, (Malta, 1985), p 112.

[2] Okkurrenzi tal-Pulizija.